MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Numru. 326/2005

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')

vs

Charles Yuri Agius

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Charles Yuri Agius ta' 34 sena, bin Carmel u Annie nata Balzan, imwieled Pieta fil-11 ta' Novembru, 1970, u residenti 'St. Joseph Flats', numru 2, Triq il-Wied Hal Qormi detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 175971(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-27 ta' Frar 2005 ghall-habta tal-hdax u ghaxra ta' filghodu gewwa Hal-Qormi bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq is-Surgent 1219

Carmel Zammit, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-eskuzzjoni tad-delitt meta filwaqt li kellu il-kontroll u / jew kien qed isuq Van numru JBA 367 saq fid-direzzjoni tal-imsemmi Surgent liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkustanzi filwaqt li kien qed isuq, jew kellu f'idejh vettura bil-mutur ma obdiex minnufih ordni moghtija lilu mill-pulizija ghaliex jitmexxa it-traffiku;

U fl-ahhar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u qal kliem oxxen u dagha;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmi Charles Yuri Agius minn kull licenzja tas-sewqan u aktar milli ikollu jew jottjeni kull licenzja tas-sewqan ghal zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-atti kollha tal-procediment inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 11 ta' April, 2005 (a folio 14) sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Rat illi waqt l-interogatorju li sar lill-imputat nhar is-6 ta' Dicembru, 2006 huwa wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha hawn fuq riferita.

Semghat il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' l-ewwel akkuza l-imputat odjern jinsab akkuzat talli fis-27 ta' Frar 2005 ghall-habta tal-hdax u ghaxra ta' filghodu (11.10a.m.) gewwa Hal-Qormi bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq is-surgent 1219 Carmel Zammit, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta saq vann numru JBA 367 fid-direzzjoni tal-imsemmi

surgent, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;

Is-surgent 1219 Carmel Zammit, li xehed fis-seduta tat-8 ta’ Marzu, 2007 qal li fl-imsemmija data huwa kien iddettaljat sabiex jidderigi t-traffiku f’Mill Street, Hal Qormi u dan peress li kienet ghaddejja maratona mill-lokalita’ msemmija. Huwa spjega li f’hin minnhom kellu jwaqqaf xi traffiku minhabba li kienu ghaddejjin l-atleti li ma kienux fi grupp shih. Meta ghamel hekk, u cioe’ waqqaf it-traffiku, kien hemm l-imputat li kien ghadu qed isuq il-vann bin-numru tar-registrazzjoni IBA 367 “li kien ghadu ‘l boghod jista’ jkun li ma kienx jaf x’qieghed jaghmel u beda jghajjat “hallina ha nghaddu…”. Ix-xhud ikompli jispjega li l-imputat qallu ‘u x’nieqaf nieqaf’ u baqa’ jsuq u fil-fatt laqat lis-surgent Zammit bil-mera fuq spalltu u baqa’ sejjer. Dan ix-xhud izda jenfasizza li meta l-imputat saq il-vettura tieghu huwa ma swervjax lejn naha jew ohra u baqa’ ghaddej dritt “biex naghmilha cara huwa ma pruvax itajjarni. Dakinhar jista’ jkun illi jiena lis-Supretendent ghidtlu li pprova jtajjarni ghaliex huwa laqatni bil-mera.”

Kif jidher mix-xhieda tas-surgent 1219 Carmel Zammit bl-ebda mod ma jirrizulta li l-imputat prova itajjar u konsegwentement jikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq l-istess surgent u ghalhekk l-imputat qed jigi dikjarat mhux hati ta’ l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu. L-anqas ma jirrizulta li l-imputat kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u li qal kliem oxxenn u dagha kif jinsab akkuzat permezz tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu. Kull ma jirrizulta mix-xhieda tas-Surgent 1219 Zammit huwa li l-imputat ma obdiex minnufih l-ordni lilu moghtija minn dan is-surgent li kien qed imexxi t-traffiku u cioe’ dak li jinsab akkuzat bih l-imputat permezz tat-tieni imputazzjoni.

Ghar-ragunijiet premessi il-Qorti, wara li rat l-Avviz Legali 198 tal-2004 u l-Artikolu 54 (2) u 55(1) tal-Kap 65 tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ihallas multa ta’ LM20, u tiddikjara lill-imputat mhux hati ta’ l-ewwel u t-

tielet akkuza u konsegwentement tilliberah minn dawn l-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------